

**Brussell, 15 ta' Novembru 2024
(OR. en)**

15562/24

**EMPL 566
SOC 829
EDUC 417
ECOFIN 1285
COMPET 1117
DIGIT 234
ENV 1119**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2025: Prijoritajiet fil-politika tal-impjegi u dik soċjali - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-
ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tat-2 ta' Diċembru 2024.

Semestru Ewropew 2025: Prijoritajiet fil-politika tal-impjiegi u dik soċjali*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-ministri mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-prijoritajiet futuri fil-politika tal-impjiegi u dik soċjali fil-livell tal-UE. Rapporti komprensivi u li jħarsu 'l quddiem kif ukoll dokumenti rilevanti ppubblikati matul dawn l-aħħar snin ipprovdeu kontributi siewja għal dan id-dibattitu, u għalhekk il-messaġġi ewlenin ta' xi wħud minn dawn ir-rapporti u d-dokumenti huma enfasizzati f'din in-nota.

Iċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew normalment jibda f'Novembru meta l-Kummissjoni Ewropea tippreżenta l-Pakkett tal-ħarifa tas-Semestru Ewropew, inkluż ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-oqsma tal-politika soċjali. Il-Pakkett tal-ħarifa jistabbilixxi prijoritajiet ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali ġenerali u jipprovdi lill-Istati Membri bi gwida politika għaċ-ċiklu li ġej. Fir-rigward taċ-ċiklu tas-Semestru 2025, minħabba t-tranżizzjoni istituzzjonali, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippubblika l-Pakkett tal-ħarifa aktar tard mis-soltu u f'żewġ fażijiet: il-partijiet relatati mal-qasam fiskali tal-pakkett fl-aħħar ta' Novembru u l-elementi li jifdal, inkluż il-partijiet relatati mal-impjiegi u l-qasam soċjali ladarba l-Kummissjoni l-ġdida tibda l-mandat tagħha. Għalhekk, din is-sena l-Pakkett tal-ħarifa mhux ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill EPSCO f'Diċembru.

Ir-rapport¹ tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Istat Soċjali fl-UE (minn hawn 'il quddiem: HLG), ippubblikat fi Frar 2023, analizza l-impatti mistennija tal-megatendenzi ewlenin fuq il-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali. L-HLG enfasizza li diversi megatendenzi globali jsawru s-soċjetajiet, l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tagħna. B'mod partikolari, ġew identifikati l-bidliet demografiċi, il-bidliet fid-dinja tax-xogħol, it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni ekoloġika, u l-impatt tagħhom ġie esplorat f'perspettiva tul il-ħajja. Ir-rapport enfasizza l-importanza ta' stat soċjali inklużiv u ġust biex jiġu minimizzati r-riskji soċjali u tittaffa t-tbatija ekonomika, filwaqt li jiġu appoġġati t-tkabbir ekonomiku u l-benesseri individwali. Skont l-HLG, l-istati soċjali moderni għandhom jipprovdu l-qugħ b'saħħtu kontra xokkijiet ekonomiċi u jinvestu f'"passi" li jgħinu lin-nies fi tranżizzjonijiet kritiċi tul il-ħajja. Filwaqt li jirrikonoxxi li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd, ir-rapport kien fih lista ta' 21 rakkomandazzjoni f'diversi oqsma tal-politika, li primarjament jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jsaħħu l-istati soċjali tagħhom.

Fi Frar 2024, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) ħejjew opinjoni² dwar "Prioritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", li ġiet approvata mill-ministri tal-EPSCO fil-laqgħa tagħhom f'Marzu 2024. L-opinjoni enfasizzat li kien hemm qbil dwar bosta inizjattivi tal-UE mill-proklamazzjoni tal-Pilastru Soċjali fl-2017, permezz tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u strumenti mhux vinkolanti oħra li huma għodod xierqa u effettivi biex tingħata gwida lill-Istati Membri fl-oqsma tal-politika rispettivi, kif ukoll permezz ta' direttivi u regolamenti tal-UE legalment vinkolanti, li għandhom impatt aktar dirett fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-opinjoni ddikjarat ukoll li l-għadd kbir ta' inizjattivi tal-UE maqbula mill-2017 'l hawn kien jeħtieġ traspożizzjoni ulterjuri u implimentazzjoni adegwata, u li kien meħtieġ li tiġi mmonitorjata l-effettività tagħhom fid-dawl tal-ekonomiji u s-soċjetajiet li qed jinbidlu malajr, filwaqt li ssir enfasi fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

¹ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=88&eventsId=2057&furtherEvents=yes&langId=mt>

² Dok. 7635/24

Ir-rapport ta' Enrico Letta "Much More Than a Market"³, ippubblikat f'April 2024, enfażizza l-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-suq uniku billi jiġu żgurati l-ġustizzja u l-koeżjoni soċjali. Ir-rapport iddikjara li għandhom jinkisbu tliet objettivi ewlenin biex is-Suq Uniku jkun verament ta' suċċess u soċjalment sostenibbli: i) l-estensjoni tal-benefiċċji tax-xogħol għal għadd akbar ta' persuni, ii) il-kompetizzjoni li tnaqqas il-kundizzjonijiet sal-aktar livell baxx kif ukoll iii) il-preservazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-ekonomija tas-suq Ewropew.

Ir-rapport ta' Mario Draghi "The future of European competitiveness"⁴, ippubblikat f'Settembru 2024, enfażizza li s-suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali jiddependi fuq it-twettiq tagħhom b'mod soċjalment ġust, b'attenzjoni biex jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità u jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed ħaddiema tas-sengħa disponibbli biex iwettquhom. Minħabba n-nuqqasijiet eżistenti kemm mil-lat ta' impjiegi kif ukoll ta' ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-UE huma vitali. Fir-rigward taċ-ċiklu leġiżlattiv il-ġdid, ir-rapport appella għal rikonsiderazzjoni sħiħa tal-politiki tal-UE relatati mal-ħiliet, inkluż it-tiħiħ tal-koordinazzjoni u involviment aħjar tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ.

³ <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>

⁴ https://commission.europa.eu/topics/strengthening-european-competitiveness/eu-competitiveness-looking-ahead_en#paragraph_47059

Fir-rapport "Employment and Social Developments in Europe"⁵ ippubblikat f'Settembru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-iżviluppi ekonomiċi, tas-suq tax-xogħol u soċjali ewlenin, qieset il-konverġenza soċjoekonomika fl-UE u analizzat ir-rwol tal-investimenti soċjali. Ir-rapport enfasizza li fil-kuntest ta' stagħnar ekonomiku wiesa' fl-2023, is-swieq tax-xogħol komplew ikunu partikolarment reżiljenti u l-eżiti soċjali wrew xi sinjali ta' titjib. Fl-2023, it-tkabbir ekonomiku fl-UE waqa' lura meta mqabbel ma' ekonomiji avvanzati oħra, u l-inflazzjoni ilha tiżdied mit-tieni nofs tal-2021. Fir-rigward tal-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030, ir-rapport jiddikjara li i) ir-rata tal-impjiegi tal-UE laħqet il-livell rekord ta' 75.3 %, filwaqt li r-rata tal-qgħad naqset bi ftit. Il-kumpaniji esperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet u pożizzjonijiet vakanti baqgħu fl-livell għoli rekord. ii) Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ baqgħet ferm taħt il-mira tal-UE. Fl-2022, 46.6 % tal-persuni ta' bejn il-25 u l-64 sena pparteċipaw f'attivitajiet ta' edukazzjoni jew taħriġ, li huwa dovut, fost affarijiet oħra, għal diffikultajiet fl-aċċess għal korsijiet ta' taħriġ ta' kwalità, skedar kunfliġġenti ma' responsabbiltajiet oħra, ostakli finanzjarji jew ir-rieda ta' parteċipanti potenzjali. iii) Ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROE) naqset bi ftit għal 21.4 % fl-2023, iżda baqgħet għolja f'ċerti gruppi vulnerabbli, u l-inugwaljanza fl-introjt baqgħet ġeneralment stabbli, filwaqt li r-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali severa żdiedet. Ir-rapport jiddikjara li matul l-aħħar għaxar snin, għadd ta' eżiti ekonomiċi, tas-suq tax-xogħol u soċjali kkonverġew madwar l-UE iżda d-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom konsiderevoli. Ir-rapport jenfasizza wkoll ir-rwol tal-investimenti soċjali u l-importanza tar-riformi u l-investimenti f'oqsma ewlenin bħat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, it-tagħlim tul il-ħajja, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal li jistgħu jiġu kkomplementati minn investiment ogħla f'akkomodazzjoni affordabbli u protezzjoni soċjali, fost l-oħrajn.

⁵ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8641&>

Fir-rigward tal-inizjattivi futuri fil-livell tal-UE, il-proposta tal-President elett von der Leyen li jkun hemm Viċi President Eżekuttiv fil-Kulleġġ li jmiss responsabbli għal, fost affarijiet oħra, in-Nies u l-Ħiliet, u diversi Kummissarji oħra li jindirizzaw l-impjiegi, il-politiki soċjali u l-ugwaljanza tenfasizza wkoll l-ambizzjoni akbar tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, il-Kummissjoni qed tippjana Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li għandu jiġi ppreżentat fl-2025. Aktar inizjattivi ġodda, bħall-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità, Patt Ġdid għad-Djalogu Soċjali Ewropew, Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar u l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli, għandhom l-għan li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE.

B'rabta mal-oqsma tal-politika tal-Kunsill EPSCO, għandhom jiġu enfasizzati żewġ żviluppi ewlenin li jikkonċernaw is-Semestru Ewropew. L-ewwel nett, mill-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fl-2017, il-monitoraġġ tiegħu ġie integrat fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari billi l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ġew allinjati mal-prinċipji tiegħu. Dan il-monitoraġġ jitwettaq permezz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) bl-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. It-tieni, f'dan il-kuntest u bl-għan li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew u r-rwol tal-Kunsill EPSCO fiċ-ċikli annwali, iċ-ċiklu tal-2024 tas-Semestru Ewropew inkluda fuq bażi pilota analiżi tal-konverġenza soċjali bbażata fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (minn hawn 'il quddiem: SCF).

Il-ħidma fuq l-SCF bdiet wara l-inizjattiva tal-Belġju u Spanja, ippreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill EPSCO ta' Ottubru 2021, biex tiġi introdotta "Proċedura ta' Żbilanċi Soċjali". F'konformità mal-mandati li waslu mill-Presidenza Franċiża, Ċeka u Żvediża, l-EMCO u l-KPS irriflettew bir-reqqa dwar l-inizjattiva. L-ewwel nett, fl-opinjoni tagħhom⁶ tas-16 ta' Mejju 2022, l-EMCO u l-KPS issottolinjaw il-ħtieġa għal aktar ħidma kunċettwali u analitika dwar aspetti ewlenin tal-inizjattiva, filwaqt li nnutaw li l-Istati Membri kienu maqsuma dwar il-valur miżjud possibbli tagħha. Fid-dawl ta' dan, twettqet aktar ħidma teknika minn Grupp ta' Ħidma dedikat tal-EMCO-KPS bil-parteċipazzjoni volontarja ta' 21 Stat Membru u l-Kummissjoni. Bejn Settembru 2022 u Mejju 2023, il-Grupp ta' Ħidma studja t-tfassil u l-metodoloġija possibbli ta' "Qafas ta' Konverġenza Soċjali" u ħejja rapport. Wara l-eżami ta' dan ir-rapport, l-EMCO u l-KPS ħejjew u approvaw il-Messaġġi Ewlenin dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew. Dawn irrikonoxxew gradi differenti ta' appoġġ u inċertezzi fost l-Istati Membri. Il-Messaġġi Ewlenin⁷ ġew ippreżentati lill-ministri fil-laqgħa tal-Kunsill EPSCO f'Ġunju 2023 u l-Kunsill ħa nota tagħhom. Fiċ-ċiklu tal-2024 tas-Semestru Ewropew, jiġifieri fil-proposta tal-Kummissjoni għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2024 ippubblikat f'Novembru 2023, il-Kummissjoni inkludiet analiżi aktar b'saħħha speċifika għall-pajjiż dwar ir-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq, ibbażata fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-KPS. Minħabba n-nuqqas ta' kunsens fost l-Istati Membri rigward il-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq, fil-konklużjonijiet relatati tiegħu⁸ l-Kunsill ħa nota tagħha, u appella lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex jivvalutaw l-impatt tal-analiżi pilota tal-konverġenza soċjali 'l fuq abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, inklud il-valur miżjud u l-piż amministrattiv potenzjali. Barra minn hekk, il-Kunsill appella lill-EMCO u lill-KPS biex jivvalutaw l-impatt tagħha, inklud il-valur miżjud u l-piż amministrattiv potenzjali tagħha.

⁶ Dok. 9222/22

⁷ Dok. 9481/23 u ADD1.

⁸ Dok. 7665/24

B'mod parallel maċ-ċiklu tas-Semestru 2024, b'ħala riżultat tar-Rieżami tal-Governanza Ekonomika tal-UE, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu li jinkludu "*qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali*" fir-Regolament il-ġdid 2024/1263 fost l-għodod għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Soċjali.

L-EMCO u l-KPS wettqu l-valutazzjoni tagħhom bejn Settembru u Novembru 2024 u ppreżentaw is-sejbiet ewlenin tagħhom f'nota⁹ għall-attenzjoni tal-ministri tal-EPSCO, filwaqt li enfasizzaw l-esperjenzi, id-diverġenzi tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u l-aġġustamenti (eż. rigward il-metodoloġija, l-indikaturi, il-proċedura eċċ.) meħtieġa biex jittejjeb l-SCF. In-nota tiddikjara wkoll li filwaqt li xi Stati Membri raw il-benefiċċji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tal-2024, xi oħrajn għandhom dubji dwar il-valur miżjud u l-iskop aħħari tal-Qafas meta mqabbel ma' prattiki preċedenti.

F'dan il-kuntest, il-Ministri mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- 1) *Filwaqt li tqisu x-xejriet, l-analiżi u s-suġġerimenti msemmija hawn fuq, liema prijetajiet tistabbilixxu għall-perjodu 2024-29 bil-ħsieb tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid li jmiss tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali?*
- 2) *Abbażi tal-esperjenza tagħkom relatata mal-implimentazzjoni pilota tal-SCF u meta tqisu n-nota tal-EMCO-SPC, taqblu li hemm bżonn li jittejjbu l-analiżijiet tal-konverġenza soċjali 'l fuq abbażi tal-karatteristiċi tal-SCF wara l-fażi pilota? Jekk iva, liema elementi tal-analiżi għandhom jittejjbu bil-ħsieb taċ-ċikli futuri tas-Semestru Ewropew?*

⁹ Dok. 15563/24